# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa 26 ta' Frar, 2025

**Kawza Nru:1**

**RIK NRU : 7/2025 ISB**

**Fl-atti tar-Rikors tas-soċjeta' Skillpro Malta Ltd (C-78263) tad-29 ta' Jannar 2025 magħmula ai termini tal-Artikolu 9(1)(a) tal-Kap 631 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att ta' Qabel l-Insolvenza.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-soċjeta' **Skillpro Malta Ltd (C 78263)** tad-29 ta' Jannar 2025 u li permezz tiegħu, din il-Qorti ntalbet:

*(i)* ***Tqiegħed*** *is-soċjetà rikorrenti taħt il-proċedura ta' ristrutturar preventiv, specifikament il-proċedura ta' ristrutturar preventiv ifformulata minn qabel ai termini ta' l-Artikol 9(3)(b) ta' l-Att, u Toħroġ ordni ta' ristrutturar preventiv;*

*(ii) **Taħtar** l-Av. Jean-Pie Gauci-Maistre, bħala l-prattikant fl-insolvenza biex jassisti s-soċjetà rikorrenti fil-proċedura ta' ristrutturar preventiv, hekk skond l-Artikolu 9(2) tal-Att; u*

*(iii) Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

*U dan taħt dawn il-provvedimenti kollha l-oħra li din l-istess Qorti jogħġobha timponi fiċ-ċirkostanzi tal-każ skont il-liġi.*

U dan wara li ġie premess is-segwenti:

1. *Illi dan ir-rikors qiegħed jiġi ntavolat ai termini ta' Artikolu 9(1)(a) tal-Att ta' Qabel l-Insolvenza (Kap. 631 tal-Ligijiet ta' Malta) (l-"Att"), permezz ta' liema qiegħed jintalab ir-ristrutturar preventiv tas-soċjetà' rikorrenti skont l-Artikolu 8 tal-Att;*

2. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija soċjetà b'responsabbiltà limitata li ġiet imwaqqfa f'Malta fit-23 ta' Novembru 2016. Kopja tal-istatut tar-rikorrenti qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. SPL 1;*

3. *Illi s-soċjetà rikorrenti ġiet ikkostitwita bħala parti mill-grupp Skilling sabiex tippresta diversi servizzi professjonali lill-kumpanniji kollha li jifformaw parti mill-istess grupp Skilling. Is-servizzi li tippresta s-soċjetà rikorrenti jinkludu servizzi ta' Public Relations, Media u Marketing, kif ukoll servizzi professjonali relatati ma' accounting, payroll u auditing;*

4. *Illi minħabba ċirkostanzi prevalenti, l-uffiċjali tas-soċjetà rikorrenti huma konxji li s-soċjetà rikorrenti hija esposta għall-probabbilta ta' Insolvenza u dan kif spjegat f'iktar dettal fil-pjan ta' ristrutturar hawn anness u mmarkat bhala Dok. SPL 2;*

5. *Illi l-ufficjali tas-socjeta rikorrenti b'mod raġonevoli ddeterminaw li s-soċjetà esponenti hija esposta għall-probabbiltà ta' insolvenza, b'kont meħud għaċ-ċirkostanzi tan-negozju tad-debitur u l-attiv u l-passiv attwali, kontinġenti u prospettivi tiegħu;*

6. *Illi minkejja suespost u ċ-ċirkostanzi prevalenti li jesponu lis-soċjetà rikorrenti ghall-probabbilta ta' Insolvenza; s-soċjetà rikorrenti għandha prospetti raġonevoli ta' vijabilità ekonomika u x'aktarx tista' tiġi ppreservata jew restawrata bħala riżultat tat-tqegħid taħt proċedura ta' ristrutturar preventiv.*

7. *Illi in segwitu ghal rekwiżit ghal eligibbilta ghal ristrutturar preventiv imsemmi fil-paragrafu preċedenti, is-soċjetà rikorrenti mhix responsabbli għall-ħlas ta' dejn li għadu mhux sodisfatt, kompletament jew parzjalment, wara erbgħa u għoxrin (24) ġimgħa mill-infurzar ta' titolu eżekuttiv kontra d-debitur permezz ta' kwalunkwe mill-atti eżekuttivi speċifikati fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; mhix jew inkella mhux se tiġi ddikjarata mill-qorti li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha; u ma ġietx ammessa preċedentement għall-proċeduri ta' ristrutturar preventiv fit-tliet (3) snin ta' qabel id-data ta' dan ir-rikors;*

8. *Illi bis-sahha ta' riżoluzzjoni bil-miktub iffirmata mid-direttur tas-soċjetà' rikorrenti (Dok.SPL 3 hawn anness) gie riżolt illi l-kumpanija għandha titlob ir-ristrutturar preventiv tas-soċjetà' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 9(1)(a) tal-Att u kif ukoll illi s-socjeta' rikorrenti ghandha tipprezenta r-rikors odjern sabiex titlob il-ħruġ ordni ta' ristrutturar preventiv u li s-soċjetà rikorrenti titqiegħed taħt il-proċedura ta' ristrutturar preventiv ifformulata minn qabel.*

9. *Illi għal dan il-għan, tħejja pjan ta' ristrutturar kif jirrizulta mill-anness rapport u mmarkat Dok SPL 2 u intestat*

*Recovery Plan, sabiex is-soċjetà rikorrenti tkun f'pożizzjoni li tippreżenta r-rikors odjern sabiex titlob il-ħruġ ordni ta' ristrutturar preventiv u li s-soċjetà rikorrenti titqiegħed taħt il-proċedura ta' ristrutturar preventiv ifformulata minn qabel ai termini ta' 9(3)(b ta' L-Att.*

*10. Illi l-ħtiġijiet tal-Artikolu 10 tal-Att ġew imħarsa kollha, f'dan ir-rikors u d-dokumenti annessi, partikularment ir-Recovery Plan (Dok SPL 2), u għalhekk is-soċjetà' rikorrenti umilment tissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet imressaq għall-kunsiderazzjoni tagħha permezz tar-rikors odjern, u ai termini tal-Artikolu 11 tal-imsemmi Att.*

Rat id-Dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat id-Digriet tagħha tal-5 ta' Frar 2025;

Rat il-verbal tal-udjenza miżmuma fis-17 ta' Frar 2025;

Rat id-dokumenti esebiti mis-soċjeta' rikorrenti fl-istess udjenza u semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Avukat Dottor Jean-Pie Gauci Maistre.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija talba magħmula mis-soċjeta' rikorrenti Skillpro Malta Ltd (C-78263) ai termini tal-Artikolu 9(1)(a) tal-KAP 631 tal-Liġijiet ta' Malta, u fejn l-istess soċjeta' qed titlob illi l-Qorti tqiegħda taħt proċedura ta' ristrutturar preventiv, u allura toħroġ ordni ta' ristrutturar preventiv, f'dan il-każ, fit-termini tal-proċedura komtemplata fl-artikolu 9(3)(b) tal-KAP 631. Ulterjorment, is-soċjeta' rikorrenti qed titlob illi jekk tintlaqa' din it-talba, allura l-Qorti taħtar lill-Avukat Dr Jean-Pie Gauci Maistre bħala professjonista kompetenti u kwalifikata fil-prattika tal-insolvenza sabiex jassistiha fil-proċedura ta' ristrutturar preventiv.

Is-soċjeta' rikorrenti qed tressaq din it-talba peress illi ssostni illi hija soċjetà b'responsabbiltà limitata mwaqqfa f'Novembru 2016. Tgħid illi ġiet ikkostitwita bħala parti mill-grupp Skilling sabiex tippresta diversi servizzi

professjonali lill-kumpanniji kollha li jifformaw parti mill-istess grupp Skilling. Tgħid illi s-servizzi li hija tippresta jinkludu servizzi ta' public relations, media u marketing u servizzi professjonali oħra relatati ma' accounting, payroll u auditing.

Tispjega fir-rikors promotur illi minħabba ċirkostanzi partikolari, l-uffiċjali tas-soċjetà rikorrenti huma konxji li s-soċjetà rikorrenti hija esposta għall-probabbilta' ta' insolvenza u dan meta' jittieħed kont taċ-ċirkostanzi tan-negozju tad-debitur u l-attiv u l-passiv attwali, kontinġenti u prospettivi tiegħu. B'danakollu u minkejja dan, is-soċjeta' rikorrenti temmen illi għandha prospetti raġonevoli ta' vijabilità ekonomika u x'aktarx tista' tiġi ppreservata jew restawrata bħala riżultat tat-tqegħid taħt proċedura ta' ristrutturar preventiv.

Is-soċjeta' rikorrenti tispjega u ssostni illi hija mhix responsabbli għall-ħlas ta' dejn li għadu mhux sodisfatt, kompletament jew parzjalment, wara erbgħa u għoxrin (24) ġimgħa mill-infurzar ta' titolu eżekuttiv kontra d-debitur permezz ta' kwalunkwe mill-atti eżekuttivi, mhix jew inkella mhux se tiġi ddikjarata mill-qorti li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha u ma ġietx ammessa preċedentement għall-proċeduri ta' ristrutturar preventiv fit-tliet (3) snin ta' qabel id-data ta' dan ir-rikors.

Tispjega illi l-kumpannija rriżolviet illi hija għandha titlob ir-ristrutturar preventiv tagħha ai termini tal-Artikolu 9(1) tal-Att u kif ukoll illi hija għandha tippreżenta r-rikors odjern sabiex titlob il-ħruġ ta' ordni ta' ristrutturar preventiv sabiex titqiegħed taħt il-proċedura ta' ristrutturar preventiv ifformulata minn qabel.

Is-soċjeta' rikorrenti ħejjiet pjan ta' ristrutturar (Dok SPL 2) ippreżentat mar-rikors odjern. Tiddikjara illi l-ħtiġijiet tal-Artikolu 10 tal-Att ġew imħarsa kollha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fit-trattazzjoni tiegħu, l-**Avukat Dr Jean-Pie Gauci Maistre**, li huwa l-professjonista u l-prattikant fl-insolvenza magħżul mis-soċjeta' rikorrenti sabiex imexxi l-quddiem il-pjan ta' ristrutturar, spjega fid-dettal kif u għaliex fl-umli fehma tiegħu jinsabu sodisfatti r-rekwiżiti kollha illi trid il-liġi sabiex

il-Qorti tgħaddi sabiex takkolja t-talba mressqa – li jrid jingħad, illi hija l-ewwel waħda tan-natura tagħha mill-Qrati Maltin.

Jispega illi l-pjan ta’ ristrutturar pprezentat huwa voleminuż u jinkludi d-dettalji kollha illi l-liġi trid sabiex il-Qorti tkun mgħarrfa bihom sabiex tkun tista’ tieħu deċizjoni akkurata u ben infurmata. Fit-trattazzjoni tiegħu huwa ta spjegazzjoni pass pass tar-rapport jew pjan ta’ ristrutturar ppreżentat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-pjan ta’ ristrutturar tassew jista’ jiġi meqjus bħala wieħed redatt b’dettal u professjonalment u għall-finijiet ta’ din id-deċiżjoni, il-Qorti ser tislet is-segwenti.

Is-soċjeta’ Skillpro Malta Ltd hija kumpannija sussidjarja tal-grupp Skilling Holding Plc, u twaqqfet appożitament sabiex hija toffri servizzi essenzjali lil kumpanniji l-oħra fl-istess grupp sabiex dawn joperaw b’mod effiċjenti, fosthom servizzi ta’ marketing, media, relazzjonijiet pubbliċi, żamma tal-kotba u affarijiet anċillari.

Is-soċjeta’ rikorrenti hija reġistrata f’Malta u hija proprjeta’ ta’ Skilling Holding plc, filwaqt illi hija wkoll għandha sehem wieħed fis-soċjeta’ Skilling (Seychelles) Ltd.

B’effett mill-aħħar ta’ 2014, is-soċjeta’ rikorrenti kellha telf akkumulat ta’ l-fuq minn 26 miljun Euro, bl-akbar kawża tkun is-self mill-*parent company*.

Ġie spjegat illi peress illi l-funzjoni ewlenija tal-kumpannija hija relatata mas-servizzi mogħtija lill-kumpanniji l-oħra fil-grupp, tnaqqis fl-attivita’ tal-kumpanniji l-oħra neċessarjament kien ifisser tnaqqis fl-attivita’ tas-soċjeta’ rikorrenti. Il-grupp esperjenza tali twaqqis fis-snin 2023 u 2024.

Ġie spjegat ukoll illi, partikolarment fis-sena 2024, ittieħdu xi deċiżjonijiet żbaljati mis-CEO tal-kumpannija li llum ma għadux fil-kariga, li uħud minnhom ma kienux fil-*business plan* tal-kumpannija u ħallew impatt negattiv qawwi fuq il-kotba tal-kumpannija.

Il-kumpannija spjegat ukoll illi hemm forzi esterni illi qed jagħmlu ħsara lill-kumpannija, bħal ma huwa *service agreement* (Salesforce Agreement) li huwa stmat illi jiswa' maż-żewġ miljuni fis-sena u li preżenzjalment ma jintużax. Agħar minn hekk, il-kuntratt illi l-kumpannija hija marbuta bih ma għandux *exit clause*, u għalhekk filwaqt illi spejjeż oħra qed jiġu kontrollati, din l-ispiża ma tistax.

Ġie ukoll spjegat illi hemm proċess ta' terminazzjoni ta' impjiegi, kemm fil-grupp imma ukoll fil-kumpannija rikorrenti u huwa mistenni illi jkun hemm tnaqqis ta' madwar 50% fil-ħaddiema. Ir-rapport iżid jispjega illi mhux mistenni illi jkun hemm kontestazzjonijiet għal tali terminazzjonijiet u li bl-impjegati illi fadal ser ikun possibbli illi s-servizzi jingħataw filwaqt illi oħrajn ser ikunu qed jassisti lill-*insolvency practitioner* sabiex jaqdi l-inkarigu tiegħu.

Ir-rapport jelenka numru ta' miżuri illi ttieħdu mill-Bord tad-Diretturi sa mill-aħħar xhur tas-sena 2024 u li ħallew impatt pożittiv fuq il-kumpannija, fosthom deċizjonijiet li saħħew il-finanzi tal-*parent company* u li b'hekk gawdiet ukoll is-socjeta' rikorrenti. Ġew elenkati numru ta' kuntratti illi ġew itterminati anke għaliex ma kienux neċessarji sabiex jkun reż is-servizz tal-kumpannija – u b'hekk kienu ffrankati eluf kbar ta' Euro u nżammu fis-seħħ il-kuntratti illi huma essenzjali sabiex il-kumpannija topera.

Ir-rapport jispjega illi filwaqt illi ttieħdu diversi miżuri illi qed iħallu l-frott, partikolarment fuq il-*holding company* li mbagħad kellu effetti pożittivi anke fuq il-kumpannija rikorrenti, b'dana kollu fil-każ tas-soċjeta' rikorrenti, iċ-ċirkostanzi illi taw lok għal possibbli insolvenza tagħha jirrikjedu aktar azzjonijiet drastiċi u huwa għalhekk illi rriżolviet illi tressaq din it-talba sabiex hija tmur f'ristrutturar preventiv.

Ukoll, ir-rapport jagħti proġettazzjonijiet ta' kif il-kumpannija rikorrenti tista' tiżviluppa finanzjarjament fis-snin illi ġejjin jekk jingħata bidu għal pjan ta' ristrutturar, bil-għan illi l-kumpannija rikorrenti terġa' ssir vijabbli – u dan huwa previst illi jsir b'elenku ta' miżuri elenkati lejn l-aħħar tar-rapport.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi għal finijiet ta' dak li trid il-liġi, il-Qorti tista' tikkonkludi illi :

a) It-talba odjerna tressqet mill-Avukat Dr Jean-Pie Gauci Maistre, prattikant fl-insolvenza.

b) Illi l-imsemmi Dr Jean-Pie Gauci Maistre ġie nominat sabiex jassisti lill-kumpannija rikorrenti permezz ta' riżoluzzjoni DOK SPL 3.

c) Illi t-talba hija kjarament magħmula ai termini ta' l-**Artikolu 9(3)(b) tal-KAP 631 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif espress fl-ewwel talba, u allura sabiex il-kumpannija rikorrenti titqiegħed fi proċedura ta' ristrutturar preventiv approvata minn qabel, għall-konferma tal-pjan ta' ristrutturar ifformulat skont ir-rekwiżiti tat-Tieni Skeda u l-Qorti tqis illi din it-tip ta' ristrutturar preventiv li qed tintalab tapprova hija adattata għaċ-ċirkostanzi kemm tas-soċjeta' rikorrenti u kif ukoll għall-kredituri tagħha.

d) Illi l-prattikant fl-insolvenza l-Avukat Dr Jean-Pie Gauci Maistre mexa' skond dak mitlub fl-**Artikolu 10 tal-KAP 631**, mhux biss kif minnhu spjegat fit-trattazzjoni tiegħu, iżda kif anke kkonfermat mid-dokumenti esebiti u partiklolarment il-kontenut tar-rapport ta' ristrutturar.

e) Illi l-Qorti tqis illi l-ħruġ tal-ordni għandu jiffaċilita l-pjan ta' ristrutturar li jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 43(2) u li għandu jippermetti lis-soċjeta' rikorrenti tirristruttura, bil-ħsieb li tipprevjeni l-insolvenza u tiżgura l-vijabbiltà ekonomika tagħha, b'kont meħud għall-interessi tal-kredituri, id-detenturi tal-ekwità, l-impjegati, u partijiet interessati oħra tagħha.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rat id-dokumentazzjoni kollha ppreżentati, wara illi ħadet konjizzjoni ta' dak li kellu xi jgħid l-prattikant fl-insolevenza Dr Jean-Pie Gauci Maistre u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet kollha tagħha kif hawn fuq esposti, qed tgħaddi sabiex:

1. **Tqiegħed** lis-soċjetà rikorrenti **SKILLPRO MALTA LTD (C-78263)** fi proċedura ta' ristrutturar preventiv, speċifikament il-proċedura ta' ristrutturar preventiv ifformulata minn qabel ai termini ta' l-**Artikolu 9(3)(b) tal-KAP 631 tal-Liġijiet ta' Malta**; u,

2. **Toħroġ** ordni ta' ristrutturar preventiv fis-sens hawn fuq deċiż; u

3. **Taħtar** l-**Avukat Jean-Pie Gauci-Maistre**, bħala l-prattikant fl-insolvenza biex jassisti s-soċjetà rikorrenti fil-proċedura ta' ristrutturar preventiv; u

4. **Tordna** lill-prattikant fl-insolvenza l-**Avukat Jean-Pie Gauci-Maistre** sabiex jinnotifika (a) lill-kredituri elenkati fit-talba tas-soċjeta' rikorrenti, (b) lill-awtorità kompetenti u (ċ) lir-Reġistratur tal-Qrati, bil-ħruġ tal-ordni ta' ristrutturar preventiv mogħtija llum, u dan mingħajr dewmien żejjed u a spejjeż tas-soċjeta' rikorrenti; u,

5. **Tordna** lill-prattikant fl-insolvenza l-**Avukat Jean-Pie Gauci Maistre** sabiex jippubblika avviż dwar il-ħruġ tal-ordni ta' ristrutturar preventiv hawnhekk mogħtija fuq sit elettroniku miżmum mill-awtorità kompetenti għal dan il-għan sa mhux aktar tard minn erbatax (14)-il ġurnata mil-lum.

Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' rikorrenti.

Diġriet mogħti llum, l-**Erbgħa 26 ta' Frar 2025** fil-Qorti bil-miftuħ.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |